# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT

## DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.

## Seduta ta' nhar t-Tnejn 4 ta' Gunju 2001

**Avviz. numru 145/01**

**Numru 38**

**Gauci Automobiles Co. Ltd**

**vs**

**Louise Nwoko u Av Dr Beppe Fenech Adami LLD nominat b'digriet tal-14 ta' Marzu 2001 bhala Kuratur Deputat sabiex jirraprezenta lill-assenti Chuks Nwoko**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta' tmien mija u wiehed u hamsin Lira Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm851.25) ammont rapprezentanti hmistax (15)-il kambjala regolarment skaduti u dovuti, li baqghu ma thallsux.

Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-Mandat Kawtelatorju Numru 515/01MM li gie pprezentat mal-avviz, u interessi legali mid-data ta' l-iskadenza tal-kambjali msemmija sad-data tal-hlas effettiv, kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-suibzzjoni.

Wara li rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-kuratur deputat Dr Beppe Fenech Adami (a fol 11 tal-atti) li biha eccepixxa, f'isem l-assenti Chuks Nwoko:

1. Illi huwa m'huwiex edott mill-fatti li taw lok ghal din il-kawza.

B'rizerva li jipprezenta nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri jekk u meta jkun edott mill-fatti li taw lok ghal din il-kawza.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenuti jwiegbu ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikati regolarment, il-konvenuti naqsu u ma dehrux fit-23 ta' Mejju 2001 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm851.25,0 bl-imghax legali mit-22 ta' Frar 2001 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat kawtelatorju numru 515/01MM li ggib id-data tat-22 ta' Frar 2001.

Alan Calleja
Dep.Reg